



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Mejju 2023
(OR. en)

6514/23

LIMITE

CORLX 213
CFSP/PESC 291
COEST 133
FIN 224

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' April 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891¹.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha lir-Repubblika tal-Moldova u r-reżiljenza, is-sigurtà, l-istabbiltà, l-ekonomija u l-provvista tal-enerġija tagħha fid-dawl ta' attivitajiet destabbilizzanti minn atturi esterni.
- (3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li ħames persuni jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/891 tat-28 ta' April 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 114, 2.5.2023, p. 15).

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni (PEŠK) 2023/891 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

L-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 1 u 2

A. Persuni fiżiċi

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elencar
1.	Ilan Mironovich SHOR magħruf ukoll bħala Ilan Mironovici ŞOR	Funzjoni: negozjant, president tal-partit politiku "SHOR" (ŞOR) Data tat-twelid: 6.3.1987 Post tat-twelid: Tel Aviv, Israel Sess: raġel	Ilan Shor huwa politiku (Kap tal-Partit Politiku ŞOR) u negozjant mir-Repubbika tal-Moldova li huwa involut fil-finanzjament illegali tal-partiti politiċi fir-Repubbika tal-Moldova u fl-inċitament għall-vjolenza kontra l-oppożizzjoni politika. Il-Partit ŞoR, immexxi minn Ilan Shor, huwa involut fil-ħlas u t-taħriġ ta' persuni biex jipprovokaw diżordni u inkwiet waqt il-protesti fir-Repubbika tal-Moldova. Permezz ta' deċiżjoni datata t-13 ta' April 2023, il-Qorti tal-Appell ta' Chisinau kkundannat lil Ilan Shor ħati ta' frodi u ħasil tal-flus fil-każ ta' “Frodi Bankarja” għal 15-il sena ħabs u l-konfiska ta' assi għal valur ta' EUR 254 miljun. Fondi minn din il-frodi bankarja fuq skala kbira u l-konnessjonijiet ma' oligarki korrotti u entitajiet ibbażati f'Moska kienu u għadhom qed jintużaw, skont l-awtoritajiet tar-Repubbika tal-Moldova, biex joħolqu b'mod artifiċjali inkwiet politiku fil-pajjiż.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
		Nazzjonalità: Moldovana, Iżraeljana Numru tal-passaport: 0971007884125 (Republic of Moldova)	L-azzjonijiet tiegħu diretti lejn l-imminar tad-demokrazija tar-Repubblika tal-Moldova jinkludu l-ġoti ta' finanzjament illegali biex tiġi appoġġata l-attività politika favur il-Kremlin fir-Repubblika tal-Moldova. Eżempju tal-użu ta' tali fondi huwa l-organizzazzjoni ta' protesti u manifestazzjonijiet vjolenti, primarjament fil-belt kapitali Chisinau, bl-għajnuna ta' dimostranti mħallsa mix-ŞOR Party, matul l-2022-2023. Billi dderieġa u ppjana dimostrarazzjonijiet vjolenti u permezz tal-imġiba finanzjarja ħażina serja tiegħu b'rabta ma' fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata ta' kapital, Ilan Shor huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu s-sovranià u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
2.	Gheorghe Petru CAVCALIUC	Funzjoni: politiku, president tal-partit politiku "Building Europe at Home Party" ex Viċi Kap tal-Ispettorat Ġenerali tal-Pulizija Data tat-twelid: 25.10.1982 Post tat-twelid: Micăuți village, Strășeni county, Republic of Moldova Sess: raġel Nazzjonalità: Moldovana Numru tal-ID 2000033042660 (Republic of Moldova)	Gheorghe Petru Cavcaliuc huwa l-ex Viċi Kap tal-Ispettorat Ġenerali tal-Pulizija tar-Repubblika tal-Moldova. Huwa magħruf li organizza u pparteċipa fil-protesti vjolenti ta' Ottubru 2022, flimkien ma' Ilan Shor. Huwa uża l-konnessjonijiet tiegħu fl-Ispettorat Ġenerali tal-Pulizija biex jirrekluta eks uffiċjali tal-pulizija u joħloq grupp paramilitari biex "jipproteġi" lid-dimostranti vjolenti kontra l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova. F'dan il-kuntest huwa waqqaf l-hekk imsejjaħ "gvern parallel" bl-għan li jissostitwixxi l-gvern elett demokratikament tar-Repubblika tal-Moldova. . Billi dderieġa u ppjana dimostrazzjonijiet vjolenti, , Gheorghe Cavcaliuc huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu s-sovranietà u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-eLENkar
3.	Marina TAUBER	Funzjoni: Membru tal-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova (minn Marzu 2019) Data tat-twelid: 1.5.1986 Post tat-twelid: Chişinău, Republic of Moldova Sess: mara Nazzjonalità: Moldovana	Marina Tauber hija l-Viċi Kap tax-ŞOR Party u Membru tal-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova. Hija ġiet akkużata fil-każ ta' "Frodi Bankarja" u hija soġġetta għal investigazzjoni f'żewġ każijiet kriminali relatati mal-finanzjament illegali minn grupp tal-kriminalità organizzata u mal-falsifikazzjoni tar-rapport dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Partit ŞOR. Fl-20 ta' Diċembru 2022, il-prosekuturi wettqu diversi tfittxijiet b'rabta mal-każ ta' finanzjament illegali tal-Partit ta' Ilan Şor. L-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova hemmhekk identifikaw flus li, skont il-prosekuturi, kellhom jintużaw għall-organizzazzjoni ta' protesti kontra l-gvern u għar-rimunerazzjoni tal-parteċipanti f'dawk id-dimostrazzjonijiet.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-eLENkar
			Fl-2023, ġew issekwestrati skieken, sustanzi li jistgħu jaqdbu u sjuf wara protesti organizzati mill-People's Movement, li tiegħu huwa parti x-ŞOR Party. Ġew irreġistrati vjolenza u ġlidiet bejn il-pulizija u d-dimostranti, fejn 54 persuna ġew detenuti, inkluż minorenni. Skont l-Ispettorat Ġenerali tal-Pulizija tar-Repubblika tal-Moldova, Marina Tauber kienet fost l-organizzaturi ewlenin tal-protesti tax-ŞOR Party u l-People's Movement. Skont l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Kontra l-Korruzzjoni tar-Repubblika tal-Moldova, hija użat strumenti ta' komunikazzjoni speċjali sabiex tagħti struzzjonijiet diretti lill-presidenti u lill-viċi presidenti tal-uffiċċji territorjali tax-ŞOR Party fil-pajjiż dwar kif iġibu n-nies għad-dimostrazzjonijiet, jorganizzaw it-trasport u kif jirċievu l-flus għar-rimunerazzjoni tan-nies. Billi dderiġiet u ppjanat dimostrazzjonijiet vjolenti u permezz tal-imġiba finanzjarja ħażina serja tagħha b'rabta ma' fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata ta' kapital, , Marina Tauber hija responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu s-sovranià u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-ejenkar
4.	Igor Yuryevich CHAIKA magħruf ukoll bħala Igor Yuryevich CHAYKA (Игорь Юрьевич ЧАЙКА)	Funzjoni: negozjant Russu Data tat-twelid: 13.12.1988 Post tat-twelid: Irkutsk jew Moscow, former USSR (issa Russian Federation) Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Igor Chaika huwa negozjant Russu responsabbli għall-ġoti ta' flus għal proġetti tas-Servizz tas-Sigurtà Federali Russu (FSB) sabiex jiddestabilizzaw lill-Repubblika tal-Moldova. Huwa kelli r-rwol ta' "portafoll" Russu, billi għadda l-flus lill-assi tal-FSB fir-Repubblika tal-Moldova sabiex il-pajjiż jingiebb taħt il-kontroll tal-Kremlin.. Permezz tal-imġiba finanzjarja ħażina serja tiegħu b'rabta ma' fondi pubbliċi, Igor Chaika huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu s-sovranità u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova, u d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova.	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elekar
5.	Vladimir Gheorghe PLAHOTNIUC magħruf ukoll bħala Vladimir ULINICI magħruf ukoll bħala Vladimir PLAKHOTNYUK magħruf ukoll bħala Vladislav Vladimir NOVAK (Владимир (Влад) Георгиевич ПЛАХОТНЮК)	Funzjoni: negozjant, politiku Data tat-twelid: 1.1.1966 jew 25.12.1965 Post tat-twelid: Pitușca, Călărași, former USSR (issa ir-Repubblika tal-Moldova) Sess: raġel Nazjonalità: Moldovana, Rumena, Russa Numru tal-passaport: 0960304018797 (Republic of Moldova)	Vladimir Plahotniuc huwa sogggett għal diversi proċedimenti kriminali fir-Repubblika tal-Moldova relatati ma' reati b'rabta mal-appropriazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tar-Repubblika tal-Moldova u t-trasferiment illegali tagħhom barra mir-Repubblika tal-Moldova. Huwa ġie akkużat fir-Repubblika tal-Moldova fil-każ ta' "Frodi Bankarja", li l-effetti ekonomiċi tiegħu għadhom qed jaffettwaw lill-pajjiż.. Huwa qed jiġi investigat ukoll talli xaħħam lill-ex President tar-Repubblika tal-Moldova b'borża ta' flus kontanti bi skambju għal favuri politiċi. Permezz tal-imġiba finanzjarja ħażina serja tiegħu b'rabta ma' fondi pubbliċi u l-esportazzjoni mhux awtorizzata ta' kapital, Vladimir Plahotniuc huwa responsabbli għall-azzjonijiet u l-implimentazzjoni ta' politiki li jdgħajfu ujheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fir-Repubblika tal-Moldova billi jdgħajfu l-proċess politiku demokratiku fir-Repubblika tal-Moldova u mġiba finanzjarja ħażina serja li tikkonċerna l-fondi pubbliċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.